# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru: 515/15 DMA**

**FGL Entertainment Limited**
**(C 41655)**

**Vs**

**Sharon Decelis**
**(ID. 464783M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi:

1. Illi l-intimata akkwistat merkanzija minghand is-socjeta' attrici liema merkanzija giet ikkonsenjata lilha;
2. Illi l-intimata naqset milli thallas il-bilanc ta' mitejn, tmienja u erbghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€248.95) dovut minnha ghall-prezz tal-merkanzija lilha mibghuta u kkonsenjata (vide Dok A.)

3. Illi nonostante l-fatt li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artiklu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2069/12 (vide dok B), hija baqghet inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici qieghda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna u jordna lill-intitmata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn, tmienja u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€248.95) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2096/12 (vide Dok c) kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Dr Charlene Caruana ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ mitejn, tmienja u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€248.95) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ mitejn, tmienja u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€248.95) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza, inkluz dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 2096/12, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**